MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 411/2003

**Mary Rose *sive* Mary FALZON SANT MANDUCA**

**vs**

**Mario GRIMA**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' April, 2003, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attriċi talbet li l-imħarrek jiġi kundannat iħallasha s-somma ta' Lm 8,400 bħala penali bil-Lm 100 kuljum skond ftehim miktub li kiedn sar bejnha u l-imħarrek. Il-ftehim kien sar fl-1 ta' Novembru, 2002[1], u kien jirregola kirja ta' ħanut għal żmien ta' tliet xhur bejn dak inhar u l-aħħar ta' Jannar tas-sena ta' wara, taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Fost il-klawsoli kien hemm waħda li tgħid li f'każ li l-kerrej (l-imħarrek) jonqos li jrodd lura l-ħanut lill-attriċi fil-31 ta' Jannar, 2003,

[1] Dok "B", f'paġġ. 6-7 tal-proċess

kien intrabat li iħallasha Lm 100 kuljum, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor. Sa dak inhar li nfetħet il-kawża għaddew erbgħa u tmenin (84) jum minn dak inhar li l-imħarrek kellu jrodd lura ċ-ċavetta;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2003, li bih tat lill-imħarrek il-jedd li jikkontesta l-kawża;

Rat illi b'Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-28 ta' Mejju, 2003, l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li ma tiswiex għaliex tonqos talba meħtieġa, u għaliex ma setgħetx titressaq mill-attriċi skond l-artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili. Temm jgħid li l-penali ma setgħetx tintalab għaliex kien hemm ftehim bil-fomm li bis-saħħa tiegħu huwa kien tħalla jżomm il-ħanut wara ż-żmien miftiehem;

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit, u semgħat lill-imħarrek jixhed quddiemha in kontro-eżami;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fid-19 ta' Frar, 2004[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-11 ta' Awissu, 2004[3];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 2004, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-qofol ta' din l-azzjoni hija l-kwestjoni dwar jekk il-penali pretiża mill-attriċi tistax tintalab. L-imħarrek jagħti tliet raġunijiet għaliex, skond hu, dan ma jistax isir. Fl-ewwel lok, jgħid li l-attriċi messha talbet dikjarazzjoni li huwa kien qiegħed iżomm il-ħanut bla jedd fil-liġi. Fit-tieni

[2] Paġġ. 33a-34 tal-proċess
[3] Paġġ. 45-7 tal-proċess

lok, jgħid li l-penali ma setgħetx tintalab minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 1120 tal-Kap 16. Fit-tielet lok, minħabba li jgħid li kien hemm ftehim li jwaqqa' l-klawsola penali;

Illi, fil-qosor, il-fatti ewlenin li jitfgħu dawl fuq il-każ juru li l-attriċi kriet il-ħanut f'numru 64B, Triq it-Torri, Sliema, lill-imħarrek għal tliet (3) xhur li bdew mill-ewwel ta' Novembru, 2002. Kien sar jaf bil-post mingħand wieħed Jean Camilleri, sensal, u kien wera l-ħajra li jikri l-post għal żmien il-Milied. Waqt li l-partijiet kienu qegħdin jiddiskutu l-kundizzjonijiet tal-kirja, Camilleri kien issuġġerixxa li tiddaħħal klawsola ta' penali f'każ li l-imħarrek iżomm il-post aktar miż-żmien miftihem. L-imħarrek baqa' jżomm il-ħanut wara l-31 ta' Jannar, 2003. Bint l-attriċi marret titolbu joħroġ u l-imħarrek laqagħha bl-herra u qalilha li kien se' jibqa' fil-post kemm jidhirlu hu. L-attriċi bagħtet lill-imħarrek ittra b'avukat fi Frar tal-2003[4], u ittra uffiċjali fis-26 ta' Marzu, 2003[5], titolbu joħroġ mill-ħanut u jħallasha Lm 100 għal kull jum żejjed li żamm il-post. Fil-25 ta' April, 2003, infetħet il-kawża;

Illi, dak inhar ukoll, l-attriċi fetħet kawża oħra kontra l-imħarrek biex joħroġ mill-ħanut, liema kawża nqatgħet fit-2 ta' Lulju, 2003[6], wara li l-imħarrek stqarr it-talba[7]. L-imħarrek għadda ċ-ċwievet tal-ħanut lill-avukat tal-attriċi fl-10 ta' Lulju, 2003[8];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt f'dan il-każ iduru fuq żewġ ċirkostanzi, it-tnejn imqanqlin mill-imħarrek. L-ewwel waħda tirrigwarda l-applikabilita' tal-klawsola penali marbuta mat-talba għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. It-tieni waħda, ta' xejra probativa, tirrigwarda l-kwestjoni li l-ftehim li fih kienet stabilita l-klawsola penali twaqqa' bi ftehim ieħor kuntrarju;

Illi l-ftehim li jistabilixxi l-ħlas ta' penali għan-nuqqas ta' twettieq f'waqtu ta' obbligazzjoni li tintrabat biha waħda

[4] Dok "AC1", f'paġ. 20 tal-proċess
[5] Dok "AC2", f'paġ. 22 tal-proċess
[6] Dok "AC3", f'paġġ. 24-5 tal-proċess
[7] Xhieda tiegħu 28.5.2003 fl-atti tal-Avviż 225/03SM, f'paġ. 30 tal-proċess
[8] Affidavit tal-attriċi 20.10.2003, f'paġ. 29 tal-proċess

mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni[9]. Il-klawsola penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel[10];

Illi fejn il-klawsola penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dak inhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali tagħmel biss parti minnu[11];

Illi l-liġi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jagħżel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-ħlas tal-penali[12], sakemm il-penali ma ġietx miftehma għad-dewmien biss, f'liema każ it-talba tat-tnejn hija possibbli[13];

Illi l-liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali f'żewġ każijiet biss: jiġifieri, (a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita; jew (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fiċ-ċirkostanzi, biċ-ċar swiet lill-kreditur[14]. Iżda f'dan l-aħħar każ, il-penali tkun dovuta jekk tkun ġiet miftehma għad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni;

Illi l-applikazzjoni riġida ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom[15], u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ġġibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri dak li

[9] Art. 1119(1) tal-Kap 16;
[10] Ara Torrente _Manuale di Diritto Privato_, par. 300, pa[ 490-1; u art. 1120 tal-Kap 16
[11] P.A. GCD **16.10.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Emanuel Caruana et vs George Camen\uli et***;
[12] Art. 1120(2) tal-Kap 16
[13] Art. 1120(3) tal-Kap 16
[14] Art. 1122(1) tal-Kap 16
[15] Art 992(1) tal-Kap 16

jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss għal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħhom l-obbligazzjoni, skond l-għamla tagħha, b'ekwita', bl-użu jew bil-liġi[16]. Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu "ridimensjonati" jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli "skond in-normi stabiliti tas-soċjeta' u l-loġika ġuridika"[17];

Illi l-klawsola li fuqha l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha kienet maħsuba bħala waħda li timponi penali għad-dewmien biss. Dan joħroġ mill-kliem innifsu tagħha u wkoll minn dak li hija maħsuba li tipprovdi dwaru, jiġifieri li tiġi fis-seħħ jekk l-imħarrek jibqa' fil-pussess tal-ħanut wara ż-żmien miftiehem. Fuq kollox, hemm provi[18] li juru li l-imsemmija klawsola ddaħħlet għal dan l-għan u bi qbil bejn il-kontraenti. B'żieda ma' dan hemm ukoll il-fatt taż-żewġ interpellazzjonijiet (waħda minnhom saħansitra uffiċjali) fejn l-effett u l-għan tal-klawsola ntrabat esklussivament mal-fatt li l-imħarrek kien żamm il-pussess tal-ħanut u naqas li jroddu lura lill-attriċi fiż-żmien miftiehem. Il-fatt tad-dewmien fit-twettiq tal-kundizzjoni jirriżulta ippruvat bla l-iċken ħjiel ta' dubju. Kemm hu hekk, jirriżulta li kien biss f'Lulju tal-2003 li l-attriċi reġgħet ħadet pussess tal-ħanut. Għalhekk, l-ilment tal-imħarrek li l-artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili ma jippermettix li l-azzjoni attriċi tirnexxi ma jista' bl-ebda mod jitqies mistħoqq. Huwa fatt ukoll li, minħabba n-nuqqas tal-imħarrek li joħroġ mill-ħanut fil-waqt, l-attriċi tilfet opportunita' biex tikri l-ħanut lil ħaddieħor li wera ruħu interessat biex jikrih;

Illi dwar l-aspett tal-ftehim, l-imħarrek xehed[19] li, meta għalaq iż-żmien miftiehem fil-kitba, kien irranġa ma' bint l-attriċi (li magħha wkoll kien wasal għall-ftehim dwar il-kirja) li jibqa' jżomm il-ħanut b'kera ta' Lm 18 kuljum. Kemm hu hekk, huwa jgħid li daħal fi spejjeż biex tejjeb il-

[16] Art. 993 tal-Kap 16
[17] App. Ċiv. **15.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Paċe vs Richard Micallef pro et noe***
[18] Affidavit ta' Jean Camilleri 26.9.2003, f'paġ. 26 tal-proċess
[19] Affidavit tiegħu 25.2.2004, f'paġġ. 36-7 tal-proċess

post u siefer biex mar jixtri stokk ġdid ta' ħwejjeġ. Huwa jgħid, għalhekk, li l-klawsola penali waqgħet bis-saħħa tal-imsemmi arranġament. L-attriċi u x-xhud tagħha jiċħdu din il-verżjoni. Il-Qorti ssib li l-verżjoni tal-imħarrek m'hijiex waħda li tista' toqgħod fuqha. Dan jingħad, mhux daqstant għaliex tiċħadha l-attriċi, daqskemm mill-fatt li tmur għal kollox kontra dak li l-istess imħarrek stqarr fil-kawża l-oħra fejn l-attriċi talbet l-iżgumbrament. F'dik il-kawża – li t-talba tagħha tal-iżgumbrament kienet mibnija fuq il-fatt li l-imħarrek ma kellux titolu – l-imħarrek stqarr li ma kellux titolu għaliex ammetta t-talba. Kulma talab f'dik iċ-ċirkostanza kien li jingħata ftit taż-żmien biex iġorr ħwejġu mill-post. Wieħed ma jifhimx kif l-imħarrek jipprova jsalva l-verżjoni tiegħu f'din il-kawża billi jgħid li l-istqarrija tiegħu fil-kawża l-oħra għamilha bla preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu f'din il-kawża: l-inkonsistenza bejn iż-żewġ verżjonijiet ma titfejjaqx;

Illi, fl-aħħarnett, dwar l-ewwel eċċezzjoni, jingħad biss li ma kien hemm l-ebda obbligu li l-attriċi ssejjes l-ewwel talba tagħha fuq dikjarazzjoni li l-imħarrek kien qiegħed iżomm il-ħanut mingħajr titolu. L-azzjoni attriċi, kif imfassla, ma fiha l-ebda nuqqas, għaliex, kif ingħad, hija mibnija fuq l-esekuzzjoni tal-klawsola penali u mhux fuq l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. L-attriċi mexxiet dwar dik it-talba fi proċeduri oħra kontestwali kontra l-imħarrek, u ma kellhiex bżonn terġa' tirriproponihom f'din l-azzjoni. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet tal-21 ta' Mejju, 2003;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attriċi s-somma ta' tmint elef u erba' mitt lira Maltija (Lm 8400) bħala penali maħduma bil-Lm 100 kuljum, talli dam ma ħareġ mill-ħanut lilu mikri wara ż-żmien miftiehem;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'effett mill-25 ta' April, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------